MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1073/1995/1

**Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` F.& A. Quarries Limited**

**v.**

**Sebastian Dalli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Mixer Limited gja Planka Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**
B'citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Awissu, 1995 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' tlettax-il elf lira maltin (LM13,000) bilanc minn somma akbar sorte rappresentanti bejgh ta' ramel u zrar; illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment biex ihallas l-ammont minnu dovut izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; u konsegwentement talbet li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi nomine is-somma ta' tlettax-il elf lira Maltija (LM13,000) jew somma verjuri u l-imghax fuq l-ammont kemm ilu dovut.
Bl-ispejjes u l-imghax u l-konvenut nomine ngunt in subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-22 ta' Settembru 1995 s-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. Illi l-ammont mhux dovut ghaliex sa fejn jaf l-eccipjent huwa nomine dejjem hallas ghal dak li gie ordnat;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qatt ma saru l-fornituri pretizi u ghalhekk dwar dan il-konvenut jirriserva li jeccepixxi ulterjorment;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghal kull buon fini, tenhtieg il-kjamata fil-kawza ta' Emmanuel sive Wally Gaffarena ghaliex dan kien accetta, in bazi ta' l-iskrittura esebita dok. "A", ir-responsabilitajiet li jirrizultaw oltre dawk pattwiti meta saret ic-cessjoni ta' l-azzjonijiet minnu lill-konvenut Dalli.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, previa c-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, laqghat it-talbiet attrici u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf u disa' mija u wiehed u disghin lira Maltin u tletin centezimu (LM12,991.30) bilanc minn somma akbar rappresentanti bejgh u konsenja ta' ramel u zrar mis-socjeta` attrici lis-

socjeta` konvenuta. Bl-ispejjes u bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fl-11 t'Awissu 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut nomine.

Fis-sentenza appellata l-qorti fl-ewwel lok ghamlet rassenja tal-provi prodotti mill-partijiet u wara ghaddiet ghall-konsiderazzjonijiet fejn qalet:-

"Illi mill-provi prodotti u senjatament mid-dokumenti esebiti rrizulta bla ebda dubju li s-socjeta` attrici kienet tforni ramel u zrar lis-socjeta` Planka Ltd u dan fiz-zmien meta Emanuel sive Wally Gaffarena kien l-azzjonista maggoritarju tas-socjeta` konvenuta, u dan kif gie ppruvat u korroborat min-numru ta' *delivery notes* kif ukoll mill-kopji tal-*invoices* relattivi ghad-*delivery notes* li gew prezentati. Illi li gara hu li Wally Gaffarena, direttur ta' Planka Ltd, fil-15 ta' April 1995 biegh lil Sebastian Dalli f'isem Asset Investments Ltd il-*majority shareholding* li kellu tal-kumpanija Planka Ltd (vide Dok "SD1" a fol 101 tal-process) biex b'hekk fi kliem l-istess Gaffarena:- "*Jiena meta cedejt lill-konvenut Dalli ma kellix x'naqsam xejn aktar mal-kumpanija Planka Ltd. Huwa dahal fiz-zarbun tieghi u ha t-tajjeb u l-hazin*." Fix-xhieda tieghu qal illi hu kien jaf li kien hemm bilanc favur is-socjeta` attrici ghalkemm ma kienx jaf bic-cert l-ammont kemm kien billi ghadda hafna zmien. Huwa sostna li dan id-dejn kien jidher fil-kotba tal-kumpanija Planka Ltd u ghalhekk il-konvenut proprio Sebastian Dalli kien jaf bid-dejn. L-istess Gaffarena xehed li hu kien qal lill-konvenut illi kien jezisti d-dejn favur l-atturi nomine.

"Illi Sebastian Dalli qed jinsisti li meta huwa xtara l-ishma minghand Gaffarena ma kienx a konoxxenza ta' dan id-dejn. Anzi jibbaza l-argument tieghu fuq l-iskrittura (Dok "SD1" a fol 101 tal-process) fejn gie dikjarat illi Planka Ltd ma tassumi ebda responsabbilita` personali ghal kwalunkwe djun u *commitments* ta' Emanuel sive Wally Gaffarena. Inoltre qed isostni li fl-*accounts* tal-kumpanija Planka Ltd ghas-sena li spiccat 31 ta' Dicembru 1994 id-debiti kienu fl-ammont ta' LM34,266 u specifika li kienu ta' zewg kumpaniji partikolari.

"Illi jinghad pero` illi l-ewwelnett ghalkemm hu minnu li fl-iskrittura msemmija hemm li Planka Ltd ma assumiet l-ebda responsabbilita` personali ghal kwalunkwe djun u *commitments* ta' Gaffarena, fil-kaz odjern m'ahniex qed nitrattaw dwar dejn jew *commitment* li kellu Wally Gaffarena personali. Il-mertu tal-kawza odjerna huwa debitu li s-socjeta` Planka Ltd kellha mas-socjeta` F.& A. Quarries Ltd ghall-konsenji ta' materjal li bla ebda dubju rrizultaw li saru. Inoltre Planka Ltd ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik ta' Wally Gaffarena. Ukoll ghal effetti u buon fini tal-Ligi jinghad li anki kieku kienet tezisti xi forma ta' eskluzjoni ta' responsabbilita` minn tali debiti din kienet tapplika biss ghar-relazzjoni bejn l-istess Sebastian Dalli u Emanuel sive Wally Gaffarena, ghaliex ghas-socjeta` attrici tali ftehim citat mis-socjeta` konvenuta huwa "*res inter alios acta*" u mkien mill-istess skrittura datata 15 ta' April 1995 ma jirrizulta li s-socjeta attrici kienet kopartecipi u wisq inqas firmatarja ta' tali ftehim.

"Illi kieku Emanuel sive Wally Gaffarena assuma unilaterlament tali hlas ta' dejn li s-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` attrici, r-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta tibqa' l-medesima, hlief ghal azzjoni ta' rivalsa li s-socjeta` konvenuta, jew ahjar l-azzjonista proprio Sebastian Dalli kien ikollu mal-azzjonisti precedenti tal-istess socjeta`, u dan certament mhux il-mertu tal-kawza odjerna.

"Illi jinghad ukoll li ghalkemm fl-*accounts* ta' Planka Ltd jirrizulta li kien hemm debiti fl-ammont ta' LM34,266 imkien m'hemm specifikat l-ismijiet tal-kredituri taghha. Illi sabiex Sebastian Dalli proprio jsostni t-tezi tieghu kontra l-azzjonisti precedenti kien jinkombi proprju fuqu li jipprova l-kuntrarju u dan m'ghamlux ghax lanqas biss ipprezenta l-kotba tal-kumpanija Planka Ltd, ghalkemm dan kollu lanqas ghandu x'jaqsam mal-kawza odjerna u r-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta.

"Illi l-Qorti tinnota wkoll li apparti li s-socjeta` konvenuta bla ebda mod ma ippruvat l-allegazzjonijiet taghha

kontenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet, kemm rigwardanti l-allegat pagament, kemm rigwardanti l-iskrittura privata tal-15 t'April 1995 bejn Sebastian Dalli u Emanuel sive Wally Gaffarena (Dok "A" fol 12) jirrizulta li hemm kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ghaliex li tghid li hallast ghall-fornituri maghmula, u li tghid ukoll li qatt ma saru l-fornituri pretizi li gia eccipejt li hallast, huwa fl-ahjar ipotesi konfuzjonarju, u jxejjenu sostanzjalment, jekk mhux ghal kollox il-posizzjoni tas-socjeta` konvenuta fid-difiza taghha.

"Illi wara li inghad dan kollu din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tasal ghall-konkluzzjoni li l-ammont ta' LM12,991.30 kien verament dovut minn Planka Ltd ghal diversi fornituri li s-socjeta` attrici ghamlet. Irrizulta ampjament li l-ahhar *cheque* li thallas lis-socjeta` attrici kien fis-16 ta' Gunju 1994 fl-ammont ta' LM1,500 li l-istess Paul Falzon mar gab personalment minn Planka Ltd u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikorsipprezentat fit-18 ta' Novembru, 2002 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazikament is-segwenti:-
1. illi l-Qorti naqset li tikkonsidra l-eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza ta' Emmanuel sive Wally Gaffarena;
2. illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u ma kenitx logikament korretta meta irriteniet illi l-eccezzjoni tal-pagament kienet inkompatibbli mal-eccezzjoni li ma sarux il-fornituri "de quo";
3. illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) u 2149(a) tal-Kodici Civili.

**Ikkunsidrat:-**

**Dwar il-kjamata fil-kawza.**

Fit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta qalet hekk:

"*Illi ….. tenhtieg il-kjamata fil-kawza ta' Emmanuel sive Wally Gafferna ghaliex dan kien accetta, in bazi ta' l-iskrittura ezebita dok "A", ir-responsabilitajiet li jirrizultaw oltre dawk pattwiti meta saret ic-cessjoni ta' l-azzjonijiet minnu lill-konvenut Dalli.*"

Is-socjeta` appellanti qed tghid li l-ewwel qorti naqset li tipprovdi fuq it-talba tal-kjamata in kawza u b'hekk is-sentenza hija vizjata inkwantu hemm interess guridiku ghall-presenza ta' l-istess Gaffarena minhabba xi azzjoni ta' rivalsa li tista` tigi istitwita kontrih u billi tali talba ma ghandha qatt tigi injorata.

Ezaminata s-sentenza ta' l-ewwel qorti din il-Qorti hija sorpriza b'dan l-aggravju billi f'dik l-istess sentenza jidher li l-htiega o meno tal-presenza ta' Wally Gaffarena f'dawn il-proceduri giet trattata b'mod ezawrjenti. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fl-istess sentenza kif hawn fuq riprodotta fejn jirrizulta li certament it-talba tas-socjeta` konvenuta kif kontenuta fit-tielet eccezzjoni taghha kienet totalment infondata. Jekk, kif qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti, l-istess socjeta` ghandha dritt ta' rivalsa kontra Wally Gaffarena in vista ta' dak li gie miftiehem waqt it-trasferiment tal-ishma dan ghandu jigi ezaminat u determinat fi proceduri *ad hoc* u mhux f'dawn il-proceduri fejn l-istess Gaffarena ma ghandux *locus standi.*

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Dwar l-apprezzament tal-provi u l-inkompatibilita` tal-eccezzjonijiet.**

Dwar l-apprezzament tal-provi jigi osservat li din il-Qorti, *qua* qorti ta' revizjoni, mhux tenuta li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-qorti ta' prim istanza

kemm-il darba ma jirrizultax li dak l-apprezzament irreka ingustizzja li ma tistax tigi rimedjata mod iehor. Issa fil-kaz in ezami l-appellant nomine qed isostni li s-socjeta` konvenuta kienet hallset kull debitu li kellha u li, skond l-istess Sebtastian Dalli, ma kien hemm ebda debiti ohra favur is-socjeta` attrici. Apparti l-assenza ta' kull prova ta' pagament da parti tas-socjeta` konvenuta u l-irrilevanza ta' dikjarazzjoni *ex parte* li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex debiti, jidher li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar l-ezistenza tad-debitu reklamat kienet milhuqa fuq l-ezistenza ta' diversi "delivery notes" u l-"invoices" relattivi li jaghmlu prova konkludenti, mhux kontradetta, tal-fornituri li saru lis-socjeta` konvenuta. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti ma ngiebet ebda prova li dawn il-fornituri gew saldati, liema prova kienet tispetta lis-socjeta` konvenuta. Isegwi li l-ilment tal-appellant fis-sens li dawn il-provi ma huma xejn cari hija ghal kollox gratuwita.

Illi sussidjarjament qed jigi sottomess li l-ewwel qorti kienet skorretta meta rriteniet li, li tghid li hallast ghall-fornituri maghmula u li qatt ma saru fornituri huwa "*fl-ahjar ipotesi konfuzzjonarju*". Dan billi, skond l-appellant, "*illi kull ma kien effettivament fornit thallas, izda ma jeskludix illi kien hemm fornituri pretizi mill-atturi nomine illi fil-fatt ma sarux….*" Fir-realta` dan mhux aggravju fil-veru sens tal-kelma u billi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar il-kreditu pretiz kien bazat fuq id-*"delivery notes*" u l-"*invoices*" rispettivi, din il-Qorti la tara r-rilevanza ta' din is-sottomissjoni u lanqas il-fondatezza taghha fir-rigward tal-meritu proprju tal-kaz.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Il-preskrizzjoni.**

F'dan l-istadju qed tigi eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-kreditu pretiz, sew dik ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) u kemm dik ta' sentejn skond ma jipprovdi l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 2148(b) jiddisponi li "*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra*

*mobbli, mibjugha bl-imnut*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.

L-Artikolu 2149(a) jiddisponi li "*l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal. Fil-kaz in ezami jirrizulta li kien hemm negozju bejn zewg socjetajiet, wahda li timmanifattura z-zrar u l-ohra li tixtri dan il-prodott, fi kwantitajiet konsiderevoli, ghal htigijiet taghha fil-preparazzjoni u bejgh tal-*concrete*. L-eccezzjoni sollevata necessarjament tehtieg li ssir distinzjoni bejn bejgh bl-imnut, li huwa preskrivibbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar, u bejgh bl-ingrossa, preskrivibbli bid-dekors ta' hames snin. Din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju, 1967 fil-kawza **"Emanuel Micallef pro et noe v Francis Mercieca"** iccitat dak li kien inghad fir-rigward, u generalment accettat f'pronunzjamenti sussegwenti, mill-Imhallef Paolo Debono fis-sentenza **Attard vs Refalo**:
"*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, <u>il criterio direttivo per distinguere il grossista  dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro</u>."* (Koll. Vol. XIII.294)

Inoltre kif gie sewwa ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede Kummerc) tad-19 ta' Gunju, 1933 fil-kawza fl-ismijiet "**Giovanni Micallef vs Giuseppe Azzopardi**
"*Che da cio` emerge anche ciaro che i rapporti interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti d'indole commerciale perche` il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …. E*

*quindi le somministrazioni e consegne che l'attore faceva al citato, come evincesi dal complesso di prove, non devono considerarsi come singole consegne a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto."*

Minn dan jidher li l-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami.

Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2149(a) certament mhux applikabbli ghal kaz billi s-socjeta` attrici ma hijiex qed tirreklama prezz ta' bini jew xogholijiet ohra ta' injam, jew ta' gebel jew materjal iehor uzat f'xi opri mahdumin minnha izda hawn si tratta ta' kreditu ghall-bilanc ta' prezz ta' materjal fornit lis-socjeta` konvenuta. Bhala tali din il-preskrizzjoni mhux applikabbli ghall-kaz.

Il-preskrizzjonijiet sollevati qeghdin ghalhekk jigu michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------